

## Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) tas-27 ta' Settembru 2011, 3F vs Il-Kummissjoni (T-30/03 RENV), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002)4370 finali, tat-13 ta' Novembru 2002, li tikkunsidra ghajjnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq komuni l-miżuri ta' tnaqqis fiskali applikabbi għal baħħara fuq bastimenti Daniżi (Kawża C-319/07 P irrinvjata wara kassazzjoni)

## Dispożittiv

- (1) *L-appell huwa miċħud.*
- (2) *Falles Fagligt Forbund (3F) hija kkundannata għall-ispejjeż.*
- (3) *Ir-renju tad-Danmarka għandu jbatisi l-ispejjeż tiegħu.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 65, 3.3.2012.

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2012 minn Luigi Marcuccio mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) fil-11 ta' Settembru 2012 fil-Kawża T-241/03 REV, Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-534/12 P)**

(2013/C 71/08)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## Partijiet

**Appellant:** Luigi Marcuccio (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

**Parti oħra fil-proċedura:** Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet tal-appellant

- tannulla fl-intier tiegħu u mingħajr ebda eċċeżżjoni, id-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea fil-11 ta' Settembru 2012 fil-Kawża T-241/03 REV
- prinċipalment,

- (a) tiddikjara ammissibbli t-talba, imressqa mill-appellant fis-27 ta' Diċembru 2011, għar-reviżjoni tad-digriet mogħi fis-17 ta' Mejju 2006 mill-Ewwel Awla tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-241/03 Marcuccio vs Il-Kummissjoni, pendenti quddiem il-Qorti Ġeneral, talba tas-27 ta' Novembru 2011 li ta lok għall-kawża *de qua* u, b'konsegwenza tiddeċiedi li l-proċeduri għandhom jitkomplew, *ex lege*, fl-ambitu ta' din tal-aħħar, kif ukoll
- (b) tikkundanna lill-konvenuta tirimborsah l-ispejjeż tal-proċeduri li huwa sostna inerenti għal dawn il-proċeduri għiduzzjarji, jew

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża *de qua* lill-Qorti Ġenerali sabiex, *ex lege*, din tagħti deċiżjoni ġidida dwar l-ammissibbiltà tat-talba tas-27 ta' Diċembru 2011 u sabiex din suċċes-sivavment tiddeċiedi, jekk meħtieġ, fuq il-mertu tal-kawża.

## Aggravji u argumenti prinċipali

- (1) *Erroses in procedendo* li jippreġudikaw l-interessi tal-appellant, li minnhom jirriżultaw *erroses in iudicando* serji fosthom, *inter alia*, in-nuqqas assolut ta' investigazzjoni u ta' motivazzjoni tad-digriet appellat; (b) ksur tal-forom proċedurali sostanzjali; (c) ksur tal-prinċipju ta' ġurisdizzjoni inderogabbli, fir-rigward tal-qorti kompetenti stabbilita minn qabel milliġi, sabiex tieħu konjizzjoni ta' kawża; (d) ksur tad-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 64(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, tal-Artikolu 127(1) u (2) tar-Regoli tal-Proċedura u fl-aħħar tad-dritt proċedurali ta' natura potestattiva, li l-appellant għandu, li jipproponi lill-Qorti Ġeneral, fi kwalunkwe ħin, miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura relativa għall-kawża *de qua*;
- (2) ksur tal-Artikolu 44(1) u (2) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;
- (3) ksur ta' prinċipju ġenerali tad-dritt li jinsab f-sentenza tal-qorti tal-UE, jiġifieri s-sentenza mogħiġa mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fit-13 ta' Ottubru 1977, fil-Kawża C-56/75 REV, Elz/CE;
- (4) nuqqas assolut ta' investigazzjoni u ta' motivazzjoni tad-digriet appellat, anki minħabba ż-naturament u użu ħażin tal-fatti u tal-affermazzjonijiet tal-appellant.

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fit-3 ta' Diċembru 2012 — KONE AG, Otis GmbH, Schindler Aufzüge und Fahrstufen GmbH, Schindler Liegenschaftsverwaltung GmbH, ThyssenKrupp Aufzüge GmbH vs ÖBB Infrastruktur AG**

**(Kawża C-557/12)**

(2013/C 71/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

## Partijiet fil-kawża prinċipali

**Rikorrenti:** KONE AG, Otis GmbH, Schindler Aufzüge und Fahrstufen GmbH, Schindler Liegenschaftsverwaltung GmbH, ThyssenKrupp Aufzüge GmbH